**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2/2021

17 ta' Frar 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**2.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**2.1.1** Ma kinx hemm

**2.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**2.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 1 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

**2.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana il-minuti ġew approvati unanimament

**2.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**2.3.A** Is-Sindku sellem lill-accountants tal-kunsill li kienu preżenti waqt din is-seduta bħal kull sena biex jiġu spjegati fid-dettal u b'mod tekniku l-estimi finanzjarji biex tingħalaq is-sena 2020 qabel ma jiġu l-awdituri biex titħejja sena ta' awditjar skond il-liġi.

Is-Sur Manicaro, spjega fid-dettal id-dokumenti ppreżentati lil kull membru tal-kunsill kif ukoll ippreżenta l-budget tas-sena 2021, il-quarterly report kif ukoll dokumenti oħra biex jiġu approvati mill-kunsill bl-isem ta' 'adjustment fund' biex il-kunsill stess ikun jista' japplika għal finanzi extra mid-dipartiment tal-kunsilli stess peress illi din is-sena l-proċedura nbiddlet ftit fir-rigward tat-tqassim extra ta' dawn il-fondi.

Il-kunsill approva d-dokumenti kollha ppreżentati, ressqu wkoll xi mistoqsijiet formali lill-accountant tal-kunsill biex wieħed ikun fehem dak li forsi ġie spjegat b'mod tekniku wisq biex finalment ġie approvat kollox mill-kunsill unanimament.

Bi pjaċir u b'sodisfazzjon is-Sindku saħaq illi l-għaqal ta' matul is-sena 2020, fl-ewwel sena sħiħa tiegħu fit-tmexxija tal-kunsill, ġie rifless fir-riżultati u f'dawn in-numri li ġew ippreżentati fejn il-kunsill seta' jara' tnaqqis mid-deficit li l-kunsill stess qiegħed fih. Is-Sindku żied jgħid illi veru li fadal ħafna biex il-kunsill iġib qagħda stabbli fejn jidħlu finanzi imma wiegħed l-impenn sħiħ tiegħu biex bħal ma għamel flimkien mas-Seg Eżek li hija l-kap finanzjarju fi ħdan il-kunsill ikompli jaħdem biex ma jintefqux flus bla reqqa biex b'hekk naraw riżultati aħjar f'din il-

leġislatura. Tajjeb li wieħed isemmi ċifra globali illi filwaqt li fis-sena 2019 għalaqna b'defiċit ta' €170 000 , fis-sena 2020 il-kunsill qed jagħlaq b'defisit ta' €148 000.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill dwar 'heritage trail' li ġie inawgurat aktar kmieni fix-xahar ta' Frar 2021 minn naħa tal-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara fejn ingħataw fondi mill-Gal Xlokk bis-saħħa wkoll tal-kunsill illi ħallas il-membership fee tiegħu biex għaqdiet fil-lokal ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-iskemi maħruġa mill-Gal Xlokk stess. Is-Sindku żied jgħid illi dan il-proġett huwa wieħed interessanti ħafna b'dettal assolut fuq il-lokal tal-Kalkara fejn wieħed jista' jsib informazzjoni u żoni prominenti fil-lokal pittoresk tal-Kalkara. Is-Sindku ta ħajr lill-assoċjazzjoni għax xogħol impekkabbli tagħhom fi ħdan il-Kalkara.

C Is-Sindku nforma l-kunsill dwar żewġ kontribuzzjonijiet illi l-kunsill ingħata minn naħa ta' kumpanija maltija li ħadmet bi sħiħ mas-Seg Eżek tal-kunsill fejn daħal filming ta' serje famuża fuq stazzjonijiet prominenti madwar id-dinja fil-ġranet li għaddew. Is-Sindku żied jgħid illi hu anke tkellem mas-Sindki u nies involuti f'dan il-qasam qabel ma sar il-ftehim mal-koordinaturi li ħadu ħsieb il-filming biex b'hekk ikun hemm loġistika tajba biex ir-residenti stess ma jkunux milquta jew milquta ftit bl-iskariġġ tal-istess filming. Is-Sindku nforma l-kunsill illi l-kontribuzzjonijiet telgħu għal ammont totali ta' 2200 ewro għal benefiċċju tal-kunsill.

D Is-Sindku nforma l-kunsill dwar il-proċess ta' tendering li bħalissa għaddej fir-rigward tal-ġnien li jinsab fi sqaq ta' Triq Missjoni Taljana. Huwa saħaq illi fis-sena 2020 kien diġa' ta' rendikont fuq dan il-ġnien lill-kunsill wara li hu stess kien attenda meeting formali mas-Sur Anthony Gatt il-perm.sec tal-ministeru responsabli fejn spjegalu u anke urih rendering visuals ta' dan il-ġnien kif beħsiebu jiġi. Fil-jiem li għaddew kellna wkoll konferma mingħand din l-istess persuna illi l-loġistika tax-xogħolijiet imxiet ġmiela u li l-proċess ta' tendering wasal ukoll fil-final. Is-Sindku ser ikun qed jagħti nformazzjoni fuq dan il-ġnien la darba jirċievi hu l-konfermi neċessarji.

E Is-Sur Sindku informa lill-kunsill illi fil-ġranet li għaddew wara ħafna korrespondenza bejn il-kunsill u d-dipartiment tal-artijiet bi pjaċir jista' jgħid illi ġie ffirmat il-kuntratt bejn iż-żewġ partijiet fir-rigward id-devoluzzjoni taż-żewġ siti biswit il-kunsill lokali li ser ikunu qed iservu ta' berġa u librerija ġodda għal benefiċċju tal-Kalkariżi. Is-Sindku rringrazzja formalment lis-Sinjura Speranza Chircop tax-xogħol siewi li għamlet hi fil-leġislatura preċedenti biex finalment wasalna f'dan l-istadju li bis-saħħa tiegħu wkoll baqa' jagħmel pressjoni biex dawn is-siti jingħataw lill-kunsill u mhux il-terzi persuni kif fil-verita' wkoll kien hemm dik l-intenzjoni.

F Is-Sindku ressaq quddiem il-kunsill claims / korrispondenza fuq ħsarat fil-karozzi li ġarrbu xi individwi ġo ħofra li kien hemm fl-inħawi ta' Santa Liberata. Huwa wkoll

ippreżenta ritratti ċari biex il-kunsill jifhem il-kwistjonijiet x'inhuma. Il-kunsill qabel unanimament illi dawn il-claims għandhom jiġu mgħoddija lill-WSC dan il-għaliex il-ħofra ġiet bi traskuraġni ta' xogħolijiet li saru u li għadhom qed isiru f'din l-istess żona minn naħa tal-istess awtorita' u l-kunsill mhux lest joħroġ flus minħabba traskuraġni ta' xogħol minn kuntrattur mhux imqabbad mill-kunsill.

2.4 a Is-Sindku nforma l-kunsill illi flimkien mas-Sinjura Maria Sultana iltaqgħu mal-kuntrattur kif ukoll mal-kordinatur responsabbli mix-xogħolijiet li qed isiru fit-taraġ San Ġużepp biex wieħed ikun jista' jiddiskuti formalment id-dewmien ta' xogħolijiet li aħna bħala kunsill ilna niġru wara risposti formali kif ukoll inwieġbu lmenti formali minn kalkariżi kkonċernati fuq l-istess materja. Il-kuntrattur wiegħed illi fi żmien 3 xhur it-taraġ ser ikun miftuħ parzjalment biex bniedem ikunu jista' jagħmel użu minnu speċjalment in-naħa ta' isfel fejn hemm ukoll residenzi privati. L-istess kuntrattur wiegħed ukoll illi ser ikun qed jikkonċentra fuq dan ix-xogħol biex finalment jiġi wieħed konkluż b'żieda ta' ħinijiet u ħaddiema fuq l-istess sit.

2.4 b Is – Sindku nforma l-kunsill dwar żviluppi fix-xahar li għadda fuq il-'community policing' li ser ikollna fi ħdan il-lokalita' għal benefiċċju tar-residenti kollha. Is-Sindku żied jgħid illi bħalissa qiegħed għaddej b'diskussjonijiet mal-kunsilli tal-kottonera kif ukoll mal-Fondazzjoni Kottonera biex jinxtraw roti li huma talbu formalment biex is-servizz ikun aħjar. Is-Sindku spjega illi fil-fehma tiegħu dan għandom ikunu komuni bejn il-lokalitajiet involuti biex b'hekk is-servizz ikun qed jingħata kullimkien l-istess minħabba l-fatt illi l-Kalkara qed insibuwha diffiċli biex jinxtraw dawn ir-rotti ħabba raġunijiet ta' finanzi. Is-Sindku qal illi ser ikunu qed jagħmel mill-aħjar biex jintlaħaq ftehim komdu għal kulħadd.

2.4c Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi flimkien mal-Viċi Sindku s-Sur Vince Bongailas inħareġ sejħa fuq il-midja soċjali biex għal-ewwel darba l-kunsill ikollu data base formali fuq dawn l-individwi li jitimgħu l-qtates ta' barra madwar il-lokal. Fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tinġieb l-informazzjoni kollha tingħaqad l-istess minn naħa tal-uffiċċju amministrattiv biex b'hekk ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-iskema li bħala kunsill ħadna ħsieb nipparteċipaw għal benefiċċju ta' dawn in-nies li tant jagħmlu xogħol għal qalbhom mal-qtates li jgħixu barra fit-toroq tal-Kalkara.

**2.5 A** Is-Sur Vincent Bongailas, il-Viċi Sindku staqsa dwar dawn il-punti t'hawn taħt:

Informazzjoni fuq l-aċċess tat-taraġ ta' taħt bighi li kien ilu magħluq żmien fejn issa l-aċċess jista' jingħata minħabba l-fatt illi ż-żona ġiet iffinalizzata mix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni li kienu ilhom għaddejjin snin. Qed jistaqsi dan minħabba l-fatt illi

l-aċċess minn naħa ta' Triq Marina jidher li għadu mhux miftuħ kif kien oriġinarjament qabel ma nbdew ix-xogħolijiet perse.

Is-Sur Bongailas saħaq illi fiż-żona tar-regatta hemm karrijiet mingħajr numri mitluqin f'din iż-żona li qed iservu ta' deterrent għal karozzi kif ukoll għal min jidħol bil-pass fiż-żona.

Is-Sur Bongailas talab li tingħata prijorita' l-'bye law' tax-xewkija minħabba l-fatt illi f'din iż-żona qed jiżdiedu l-abbużi kuljum u l-problemi qed jeskalaw b'mod inkwetanti.

2.5b Is-Sinjura Sultana talbet l-għajnuna tas-Sindku fir-rigward il-kunsill taż-żagħżagħ biex jintefa' appell formali fuq il-midja soċjali ufficjali ta l-istess Kunsill bħala referenza biex jekk ikun hemm xi żagħżagħ interessati javviċinaw il-kunsill biex tinbena lista għar-referenza tal-istess kunsill. Is-Sindku qal illi hemm bżonn li jiltaqgħu hu flimkien mas-Sinjura Sultana madwar mejda biex jinbena pjan kif għandu jibda biex finalment il-kunsill ikollu kunsill taż-żgħażagħ kif ukoll kunsill tat-tfal.

2.5 c Is-Sinjura Chircop talbet il-kunsill jieħu ħsieb plakka kommemorattiva li tinsab fi Triq Marina ma residenza privata bl-isem ta' 'Ernle Bradford. Is-Sindku qal illi fi żmien li ġej fl-isess żona ser ikun hemm l-istess isem fuq il-plakka li ser tkun qed tindika l-isem tal-isqaq li hemm fil-viċin dan wara illi l-proċess ta' ismijiet tat-toroq ġodda jinkludi dan l-istess isem u wasal fl-aħħar tal-proċess tiegħu minn naħa tal-awtorita' kkonċernata. Is-Sindku qal ukoll li ser ikun qed jistaqsi forsi jingħataw xi fondi għal din il-plakka għar-restawr tagħha.

Is-Sinjura Chircop talbet lill-kunsill għajnuna fir-rigward ta' nies li forsi għandhom xi talenti minħabba l-fatt illi kienet bdiet taħdem fuq il-loġistika ta' wirja ta' talenti li ġiet approvata u ssuġerita minnha stess f'seduti preċedenti.

Is-Sinjura Chircop talbet lis-Sindku jiċċekja mal-gvern ċentrali hekk kif jista' wieħed japplika għal 'upright green walls' bħal ma' saru f'lokalitajiet oħra mill-gvern ċentrali biex tiġi nkluża l-Kalkara forsi f'xogħolijiet simili li ser isiru fil-futur minn naħa tal-istess gvern.

2.5 d Is-Sinjur Chris Bruno talab lis-Seg Eżek terġa' tibgħat email ta' tfakkira fuq sistema ta' 'traffic lights' li xi snin ilu kien issuġġerixxa hu stess biex isiru fiż-żona ta' Santu Rokku. Is-Sindku filwaqt li staqsa biex jiġi nfurmat dwar din it-talba peress li hu ma kienx parti mill-kunsill meta saret l-istess talba. Is-Sindku saħaq illi hu ma jaqbilx ma' din il-proposta 'l għaliex iż-żona hija diġa' waħda problematika minnha nfusha u din is-sistema fil-fehma tiegħu ħa jinħolqu nkonvenjenti ikbar fit-toroq tal-madwar speċjalment meta wieħed jiġi biex jistenna fuq id-dawl aħmar. Is-Sur Bruno baqa' jisħaq illi din hija proposta valida anka peress li hu stess ra l-

istess sistema ġo lokalitajiet oħra madwar Malta. Huwa qed jissuġġerixxi li jekk hemm il-ħsieb mill-awtorita' tat-transport li jsiru tajjeb il-konnessjonijiet issa qabel ma jingħata l-asphalt fiż-żona minn naħa tal-waterservices peress li qed jaħdmu fuq proġett fil-preżent fl-istess triq.

**2.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**2.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**2.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 2.20

**2.7 Mozzjonijiet**

2.7.1 Ma kienx hemm

**2.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

2.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:45 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-17 ta' Marzu 2021 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ______________________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv